MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 75/2012

**A B**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' A B, li in forza tieghu, wara li ppremetta illi:

B'sentenza moghtija fit-12 ta' Ottubru 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Appell Kriminali Numru 451/2011), l-Onorabbli Qorti tal-Appell irrevokat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u kkundannatu ghal tmien snin prigunerija. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati hu kien gie lliberat minn kull akkuza.

Il-Qorti ta’ Appell Kriminali hemm is-sottomissjonijiet tal-esponenti illi qed jigu riprodotti.

Huwa ssottometta li : gie diversi drabi ribadit illi l-apprezzament tal-ewwel Qorti ma jkunx disturbat mill-Qorti tal-Appell kemm-il darba hemm ragunijiet bizzejjed biex legalment u fattwalment, il-Magistrat kien intitolat jasal ghal dik id-decizjoni. Dan specjalment ghandu jinghad fejn id-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat. F’dan il-kaz, l-allegat abbuz kien biss blackmail halli nofs id-dar iddur fuq il-mara tal-appellat B. L-appellat kompla elabora dwar dan il-punt fin-Nota tat-3 ta’ Mejju 2012. Huwa qal li s-sistema tal-appell taghna terga’ tisma’ l-provi fil-kazi sommarji fejn ma jkunx hemm traskrizzjoni tax-xhieda. Il-kaz huwa differenti meta l-provi jkunu kompilati. Hemmhekk, il-Qorti tkun qieghda tirrevedi dak illi sar quddiem l-ewwel Qorti. Il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament profondit biex tara jekk kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Ma’ dan jizdied il-principju illi kemm-il darba minn ezami approfondit, f’kaz li tkun instabet htija, il-Qorti tal-Appell jidhrilha li baqaghlha *a lurking doubt*, allura hemmhekk, il-Qorti ghandha thassar is-sentenza li tkun sabet il-htija. L-istess principju ma japplikax dwar il-*lurking doubt* bil-maqlub ghaliex il-*lurking doubt* imur favur l-akkuzat u mhux kontra. L-apprezzament tal-provi huwa lil min temmen mix-xhieda l-ewwel Qorti jew le. U dan minhabba l-beneficcju li jkollha l-Qorti li semghet xhieda jew kompletament jew in kontro-ezami. L-apprezzament tal-veracita’ tal-prova mill-ewwel Qorti hija aktar vinkolanti. L-appellat xehed ukoll u l-Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tghaqqad il-verzjoni wahda mal-ohra tal-parti civili u tghid ‘hawnhekk hawn zewg xhieda kontra dak li xehed l-appellat. Jekk l-ewwel Qorti kellha dubju ragjonevoli allura kellha tillibera.

Fil-paragrafu 14 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-istess Qorti regghet stabbiliet il-principju.

Mhux bizzejjed li l-Qorti tal-Appell tikkwota d-definizzjonijiet tar-reati u l-ispjegazzjonijiet illi kien ta Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu imma trid tara jekk il-Qorti

<u>kinitx zbaljata f'xi interpretazzjoni ta' xi wahda</u> minn dawk il-ligijiet illi bihom kien akkuzat l-esponenti. Dan l-izball ma ssibu mkien. Il-Qorti tal-Appell Kriminali dehrilha illi ghandha tezamina hi l-provi kollha mill-gdid u dan kontra l-principju ta' review li stabbiliet fil-bidu tas-sentenza.

Fil-paragrafu 69 tas-sentenza, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali qalet li wara li ezaminat ix-xhieda, il-Magistrat ma setax legalment u ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni li wasal. Kien il-Magistrat illi sema' x-xhieda viva voce u seta' jezamina l-komportament taghhom. Mhux biss imma sema' wkoll lill-akkuzat illi ssottometta ruhu anke ghall-kontro-ezami tal-prosekuzzjoni u tal-parti civili. Il-Qorti tal-Magistrati kienet f'pozizzjoni ahjar biex tezamina l-kredibilita' u l-komportament tax-xhieda. Il-fatt illi l-partijiet jaqblu illi fir-review, ormai stabbilit fejn hemm l-atti kompilati imma ma jnaqqasx u ma jhassarx l-osservazzjoni li tkun ghamlet l-ewwel Qorti ghala emmnet jew ma emmnitx lil dawk ix-xhieda. Is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kienet motivata.

Huwa manifest illi l-Qorti tal-Appell Kriminali qalbet is-sentenza ta' assoluzzjoni f'wahda ta' htija u dan b'mod arbitrarju. Il-Qrati ta' Appell Kriminali jikkwotaw lil Lord Widgery ghaliex idahhal il-kuncett tal-"lurking doubt" u cioe' li Qorti tal-Appell ghandha tillibera lil xi hadd li jkun instab hati kemm-il darba jhalli dubju ragjonevoli f'mohh l-Imhallfin tal-Appell u dan id-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat. Imma dan il-kriterju ma japplikax ghal contrario sensu meta x-xhieda viva voce jkun semaghhom il-Magistrat. Ma gie indikat l-ebda punt legali u fattwali li l-Qorti tal-Magistrati kienet hadet zball dwaru u allura kien jintitola lill-Appell Kriminali li jaqleb is-sentenza.

Fis-sentenza "Berhani vs Albania", Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 27 ta' Mejju 2010, kien intqal hekk: (Paragrafu 50) "The Court reiterates at the outset that the admissibility of evidence is primarily governed by the rules of domestic law and that, as a rule, it is for the national courts to assess the evidence before them, establish facts and interpret domestic law. <u>The Court will not in principle intervene, unless the decisions reached by the domestic</u>

courts appear arbitrary or manifestly unreasonable and provided that the proceedings as a whole were fair as required by Article 6 § 1 (see "*Caka v. Albania*", no. 44023/02, §100, 8 December 2009; and "*Khamidov v. Russia*", no. 72118/01, § 170, ECHR 2007XII [extracts]).

Din is-sentenza Berhani qed tigi kwotata ghax l-Avukat Generali malajr jghid li l-qrati kostituzzjonali mhumiex il-qrati tat-tielet jew ir-raba' grad, u jikkwotaw is-sentenza Le Compte, li ilha zmien. Din sentenza ricentissima, fejn il-Qorti Ewropea dahlet fil-mertu u qalet li lanqas kien hemm provi b'xi mod konvincenti li setghu jwasslu lill-qrati tal-Albanija li jsibu l-htija ta' omicidju !!

L-istess principji li enunzjat il-Qorti tal-Appell Kriminali kisrithom hi stess, u ma tat l-ebda raguni ghala l-ewwel Onorabbli Qorti kienet irragjonevoli li ma sabitx il-htija. Ma kinitx kwistjoni li kienet legalment zbaljata, ghaliex ma dahlitx f'punti ta' ligi. imma kien biss fuq lil min temmen. U wara li kienet semghet lix-xhieda viva voce, u setghet taghrbel il-komportament taghhom u l-imgieba taghhom fil-pedana tax-xhieda, specjalment taht kontro-ezami, ghazlet kif kien il-poter taghha li taghzel, lil min temmen u lil min ma temminx. Setghet il-Qorti tal-Magistrati temmen li kien hemm pjan biex il-mara tiehu d-dar? Kien hemm bizzejjed provi biex jigi pruvat dan? Jekk xejn kien kemm ghadda zmien sakemm taparsi tkellmu x-xebbiet. Dan kien semplicement kaz ta' blackmail, u l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qed tikser il-principji taghha stess, barra dawk tal-ligi tal-procedura, fuq x'inhuma r-regoli ta' min ghandu jiddeciedi fuq il-fatti.

Ghalhekk kien hemm ksur, bhall-kaz Berhani, tal-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, dwar "the fairness of the trial".

L-esponenti ghandu dritt ghal rimedju effettiv skont l-artiklu 13 tal-istess Konvenzjoni.

Dan urietu l-Qorti Ewropea fil-kaz Salduz, li mhux ghamlet dikjarazzjoni biss ta' vjolazzjoni, imma tat rimedju effettiv.

Hemm ksur iehor tal-Artiklu 6(1). L-atti processwali juru dewmien esagerat sakemm kien hemm decizjoni finali, u dan bi hsara kbira ghall-esponenti.

Talab ir-rikorrent jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li kien hemm ksur tal-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan fuq il-bazi tal-fairness of the trial.

Tiddikjara li kien hemm ksur tal-artiklu 6(1) tal-istess, minhabba dewmien fil-proceduri kriminali.

Taghtih rimedju effettiv, skont l-artiklu 13 tal-Konvenzjoni, minhabba l-fairness of the trial, billi thassar u tannulla s-sentenza tal-appell kriminali li ddecidiet il-mertu.

Taghtih kumpens xieraq dwar id-dewmien.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali, li ssottometta illi:

In linea preliminari, in kwantu r-rikorrent qiegħed jittenta juża din il-proċedura kostituzzjonali bħala mezz biex jappella minn deċizjoni ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali u li llum hija *res judicata*, u jlibbisha b’libsa kostituzzjonali, din il-proċedura hija frivola u vessatorja u tabbuża minn din il-proċedura straordinarja kostituzzjonali;

Fil-mertu u mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent fis-sens illi l-proċeduri fl-ismijiet *Il-Puluzija (Supretendent Sharon Tanti u Spettur Maurice Curmi)* deċiżi mill-Onorabbli tal-Appell Kriminali fit-12 ta’ Ottubru 2012 (Appell Kriminali Nru. 451/2011) huma leżivi tad-drittijiet tiegħu sanċiti permezz tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ‘*fuq il-bażi tal-fairness of the trial’* u *‘minħabba dewmien fil-proċeduri kriminali’* huma infondati fil-fatt u fid-

dritt u l-ebda rimedju jew kumpens minnu mitlub ma huwa dovut u dan għas-segwenti raġunijiet li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

Il-fatt li r-rikorrent ma jaqbilx ma' l-apprezzament tal-fatti u d-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma jfissirx li ma kellux *fair trial* kif qed jallega fir-rikors promutur. Kif tgħallem il-ġurisprudenza nostrana:

*'Il-Qorti qabel xejn tagħmilha ċara li taqbel mas-sottomissjonijiet tal-intimat illi ħafna mill-lanjanzi tar-rikorrenti jirreferu għall-interpretazzjonijiet li tat il-Qorti tal-Appell li jekk ma humiex favorevoli għalih, b'daqshekk ma jfissirx li kisru xi drittijiet fundamentali tiegħu.'*;

Effettivament:

*"Il-funzjoni tal-Qorti fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha mhijiex li tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa' jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostitizzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.'*

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Onorabbli Qorti Kriminali kienet korretta meta' fil-paragrafu 15 tad-deċiżjoni tagħha tat-12 ta' Ottubru 2012 iddeċidiet illi l-prinċipju enunċjat f'paragrafu 14 tas-sentenza tagħha, ċioe li Qorti fi grad ta' appell ma tvarjax l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel Qorti sakemmm ma tqisx li l-konklużjoni tal-ewwel Qorti tkun *'unsafe and unsatisfactory'*, għandu jgħodd ukoll f'każ fejn il-Prosekuzzjoni qed tappella għax jidrilha li mill-provi l-appellat kellu jinstab ħati. Bir-rispett dovut, kull

allegazzjoni da parti tar-rikorrent li dan il-prinċipju huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent huwa insostenibbli, għaliex allura, skond it-teżi tar-rikorrent, l-esponent qatt m'għandu dritt ta' appell minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li permezz tagħha akkużat ma jinstabx ħati!;

Kif tajjeb iddeċidiet l-Onorabbli Qorti tal-Appell:

'*16. L-eżami li għandha tagħmel din il-Qorti mhux li tara jekk taqbilx jew le mal-konkluzjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti, iżda jekk dik il-konklużjoni l-Ewwel Qorti setghetx ukoll tasal ghaliha "safely" fuq il-provi li kellha quddiemha. Sa hawn jasal l-eżerċizzju revizjonarju ta' din il-Qorti meta si tratta ta' apprezzament ta' fatti*';

Isegwi li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali kellha l-pjena fakoltà li tiddeċiedi, fil-paragrafu 69 tas-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2012 li '*l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha legalment u raġjonevolment'* u b' hekk tirrevoka d-deċiżjoni appellata tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Ottubru 2011 u minflok issib lill-appellat (illum rikorrent) ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' priġunerija ta' tmien (8) snin u għall-ħlas tal-ispejjez tal-espert/i maħtura mill-Qorti hekk kif determinati mir-Reġistratur tal-Qorti;

Ir-rikorrent qiegħed ukoll jallega li '*kemm-il darba minn eżami approfondit f'każ li tkun instabet ħtija l-Qorti tal-Appell jidrilha li baqagħlha a lurking doubt allurra hemmhekk il-Qorti tħandha tħassar is-sentenza li tkun sabet il-ħtija. L-istess prinċipju ma japplikax dwar il-lurking doubt bil-maqlub għaliex il-lurking doubt imur favur*

*l-akkużat mhux kontra'*. Bir-rispett dovut, imkien ma jirriżulta li l-Onorabbli kellha xi dubju sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha u din hija biss allegazzjoni infondata li qed issir mir-rikorrent;

Inoltre, il-każ ta' ***Berhani v Albania*** ċitat mir-rikorrent mhuwiex applikabbli fiċ-ċirkostanzi odjerni. Il-Qorti Ewropea, f'dawk iċ-ċirkostanzi, sabet vjolazzjoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni in kwantu kien hemm diversi mankanzi fil-proċeduri quddiem il-Qrati nazzjonali li wassluha għad-deċiżjoni illi '*the domestic courts' proceedings did not satisfy the requirements of fairness as required by article 6(1) of the Convention'*;

Ma kien hemm xejn '*arbitrary or manifestly unreasonable*' fil-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent odjern u kull allegazzjoni mressqa minnu f'dan is-sens hija manifestament infondata;

Dwar l-allegat dewmien, huwa paċifiku li l-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess eċċediex il-parametri tas-smigħ fi żmien raġjonevoli huwa l-komplessita' tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti. Tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-proċeduri kriminali surriferiti kontra r-rikorrent, ma kien hemm l-ebda dewmien mhux ġustifikat;

Dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar ir-rimedji mitluba, *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli ssib ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, m'hemm l-ebda lok li s-sentenza tal-appell kriminali tat-12 ta' Ottubru 2012 titħassar u tiġi annullata u lanqas ma hemm lok li r-rikorrent jingħata kumpens, b'dan illi f' umli fehma

tal-esponent kull talba f' dan is-sens hija insostenibbli u għandha tiġi miċħuda;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu 2013, fejn il-Qorti ordnat li jigu allegati l-atti tal-proceduri ta' Appell Kriminali Nru. 451/2011.

Semghet ix-xhud prodott.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Dawn il-proceduri gew stitwiti mir-rikorrenti wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali, permezz ta' sentenza moghtija fit-12 ta' Ottubru 2012 irrevokat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) li kienet illiberatu minn akkuzi ta' stupru fuq bintu minorenni, sekwestru tal-istess bintu, theddid, korruzzjoni ta' bintu minuri, korruzzjoni ta' bintu ohra minorenni u diversi attentati vjolenti ghall-pudur fuq in-neputija u wkoll li ssekwestra lill-istess neputija. Huwa gie kkundannat ghall-piena ta' tmien snin prigunerija u ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti. Ismu gie ordnat jitqieghed fuq ir-Registru a tenur tal-provvedimenti tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri.

Ir-rikorrenti qieghed isostni illi meta l-Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza ghar-raguni li l-Magistrat ma setax ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni li wasal, gie lez id-dritt fundamentali tieghu kif protett bl-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Huwa jallega wkoll li d-dewmien fil-

proceduri kriminali wkoll wassal ghall-ksur tal-istess Art. 6(1) tal-Konvenzjoni.

L-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi testwalment illi:

"*1. In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law.*"

Doveruz ghall-Qorti f'dan il-kuntest li tenfasizza l-principju li jsegwu dawn il-Qrati fl-ambitu ta' protezzjoni ta' drittijiet fundamentali u cioe' li l-Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali u Konvenzjonali taghha m'ghandha qatt tigi msejha tagixxi bhala appell ulterjuri. Kif irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Carmel Joseph Farrugia vs Avukat Generali", (deciza fil-5 ta' April 2013):

"*Din il-qorti qabel xejn ittenni illi l-kompitu tagħha ma huwiex illi tara jekk taqbilx mal-apprezzament li għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali tax-xiehda u tal-fatti; il-kompitu tagħha huwa, fejn in-natura tal-każ hekk tirrikjedi, li tara jekk id-deċiżjoni kinitx "arbitrary or manifestly unreasonable".*"

U fil-kawza "JEM Investments Limited vs Avukat Generali", (deciza mill-Prim' Awla Sede Kostituzzjonali fid-9 ta' Novembru 2010):

"*Din il-Qorti ma ghandhiex tigi kjamata sabiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Qrati f'kompetenza ordinarja, u lanqas ghandha tissindika l-apprezzament ta' provi kif sar mill-Qrati ordinarji, nkluz dik ezercitata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell u dan ghaliex ir-rimedju kostituzzjonali ma huwiex u ma ghandux jigi uzat bhala appell ulterjuri minn decizjoni ta' appell minn sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell.*"

<u>Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali</u>

Din il-Qorti kkunsidrat il-proceduri f'appell kriminali li mis-sentenza finali taghhom qed jilmenta r-rikorrenti odjern.

Il-Qorti, f'dawk il-proceduri, fis-sentenza moghtija fit-12 ta' Ottubru 2012, bdiet biex tenfasizza l-principju illi:

"*Kif ġie ripetutament ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, normalment ma tvarjax l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel Qorti, sakemm*

*'din il-Qorti ma tqisx li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti tkun "unsafe and unsatisfactory", u dana fis-sens li fuq il-provi li jkollha quddiemha l-Ewwel Qorti u li jkunu jinsabu traskritti fil-process, hi suppost li ma tkun qatt waslet għall-konkluzjoni ta' htija li tkun waslet ghaliha. U dana ghaliex ghax kif gie ritenut mill-Qrati Ingliżi :-*

*"..assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case, with the conclusion of the learned Magistrate) because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case - including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings - leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed." (Rex. v. Cooper (1969) 1 QB 276 per Lord Chief Justice Widgery – Blackstone's Criminal Practice (1991) p.1392 ċitat b'approvazzjoni fl-appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" (23.5.02 ).*

*Sintendi il-prinċipju f'din is-silta għandu jgħodd ukoll f'każ fejn il-Prosekuzzjoni qed tappella għax jidhrilha li mill-provi l-appellat kellu jinstab ħati.*"

Dawn id-dikjarazzjonijiet jixhdu li l-Qorti tal-Appell kienet kawta hafna qabel waslet ghall-konkluzjonijiet taghha li ddisturbaw l-apprezzament tal-fatti tal-ewwel Qorti. Il-hsieb ta' dik il-Qorti kien car – tibdil fir-rigward tal-fatti ghandu jsir biss fil-kaz eccezzjonali ta' rizultat "unsafe" u "unsatisfactory".

Kompliet hekk:

"*L-eżami li għandha tagħmel din il-Qorti mhux li tara jekk taqbilx jew le mal-konkluzjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti, izda jekk dik il-konklużjoni l-Ewwel Qorti setghetx ukoll tasal ghaliha "safely" fuq il-provi li kellha quddiemha. Sa hawn jasal l-ezercizzju revizjonarju ta' din il-Qorti meta si tratta ta' apprezzament ta' fatti.*"

Finalment, il-Qorti kkonkludiet illi:

"*Għalhekk din il-Qorti, wara li eżaminat għal aktar minn darba x-xhieda kollha li nstemgħet waqt il-proċess, qed tiddeċiedi li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha legalment u raġjonevolment. Il-fatt li l-verita' bdiet ħierġa kollha wara tilwim fuq id-dar matrimonjali bl-ebda mod ma jħassar li dak li qalu l-allegati vittmi kienet il-verita' kollha dwar dak kollu li kien seħħ fuq numru ta' snin lil tliet persuni differenti. Ebda ftehim jew coaching elaborat ma kien iwassal għall-mod kif xehdu l-allegati vittmi għaliex kieku sar hekk dawn kienu jinqabdu fil-kontro-eżamijiet li saru – xi wħud dettaljati sew - jew inkella x-xhieda tal-appellat kienet ixxejjen kollox bil-mod kif jixhed.*"

Is-sentenza studjata u altament motivata li ngahtat mill-Qorti tal-Appell Kriminali kienet studju approfondit ta' dak kollu li kellu x'jaqsam mal-akkuza quddiemha – fatti u ligi. Ma kien hemm fiha ebda ombra ta' arbitrarjeta'. Anzi, il-Qorti spjegat tajjeb ferm ir-ragunijiet li wassluha biex tiddipartixxi mill-prassi minnha mtennija fil-bidu u cioe' li Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti. Sabet gustifikazzjoni ghal dikjarazzjoni ta' sitwazzjoni ta' "unsafe and unsatisfactory". Inoltre, b'referenza ghal possibilita' ta' "lurking doubt" li jsemmi r-rikorrenti, din il-Qorti ma ssibx fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell ebda hjiel ta' dan.

Ir-rikorrenti jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz ta' "Berhani vs Albania". Fil-fehma ta' din il-Qorti, din it-tixbiha ma tghoddx ghaliex fil-kaz ta' Berhani dak li fil-

fatt gie kostatat kienet nuqqas fil-proceduri tal-Qorti ta' dak il-pajjiz u kien minhabba f'hekk li l-Qorti Ewropea kellha tissindika x-xhieda prodotta. Ma kinux il-fatti fihom infushom li regghu gew taht l-iskrutinju tal-Qorti Ewropea.

Ghalhekk, l-allegazzjoni ta' ksur ta' dritt fundamentali hija f'dan il-kuntest michuda. Anzi, il-Qorti tasal biex tifhem illi l-ezercizzju kostituzzjonali f'dan il-kaz mhuwa xejn hlief attentat tar-rikorrenti li jxejjen sentenza tal-Qorti Kriminali b'appell iehor.

<u>Dewmien</u>

Ir-rikorrenti jilmenta wkoll minn dewmien. F'dan il-kuntest, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "George Xuereb vs Registratur tal-Qorti et" (deciza fit-8 ta' Novembru 2004), irriteniet illi:

"*Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huwa l-**komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir tal-awtorita' jew awtoritajiet relevanti** – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja...*"

Peress illi r-rikorrenti ma ressaq ebda sottomissjoni ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' dewmien, il-Qorti fliet l-iter ta' dawn il-proceduri biex tara jekk tassew kienx hemm dewmien esagerat fil-proceduri.

L-akkuzat tressaq quddiem il-Qorti b'arrest fi Frar 2000. Bejn Novembru 2001 u Lulju 2003, l-akkuzat ma kienx qed ikun assistit u l-proceduri kienu qed jigu differiti. Il-Prosekuzzjoni ddikjarat il-provi taghha maghluqa f'Ottubru 2003. Id-difiza ghalqet il-provi taghha tmien snin wara u cioe' f'Settembru 2011. Is-sentenza tal-ewwel Qorti nghatat fl-14 ta' Ottubru 2011 u dik tal-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Ottubru 2012. Minhabba n-natura kumplessa u delikatissima tal-kaz u fid-dawl tal-imgieba tar-rikorrenti nnifsu tul il-proceduri, din il-Qorti tqis li lanqas din l-allegazzjoni tar-rikorrenti mhija misthoqqa.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-intimat Avukat Generali fis-sens aktar ‘il fuq spjegat, tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu minn A B.

Il-Qorti tordna li l-isem tar-rikorrenti ma jigix imxandar u dan sabiex tigi protetta l-identita’ tal-vittmi tar-reat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------